**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 1026/96**

**Anthony Caruana**

**Vs**

**Joseph Sant**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u sebghin lira Maltin (Lm670) ammont dovut rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ezegwiti mill-attur fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tieghu.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Gunju 1996 u tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu 1996 u tal-mandat ta' qbidipprezentat kontestwalment u bl-imghaxijiet legali.

Bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Sant fejn eccepixxa:

(1) Illi x-xoghol li l-kontendenti kienu ftehemu li ghandu jsir ghadu mhuwiex lest u ghalhekk l-attur ma jistax jippretendi li jithallas meta ghadu ma lestiex ix-xoghol.

(2) Illi certu xoghol li sar ma giex mahdum skond is-sengha u l-arti u ghalhekk qabel ma l-istess xoghol isir sew, l-attur m'ghandux dritt jippretendi hlas.

(3) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ghax-xoghol kollu meta kompliet skond is-sengha u l-arti, l-attur ikun fadallu jiehu hames mitt lira u mhux l-ammont minnu pretiz fl-avviz.

(4) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 1996 permezz ta' liema l-Qorti kienet innominat bhala Perit Tekniku lil William Cassar Torreggiani.

Rat illi l-Perit Tekniku kien lesta u pprezenta r-relazzjoni fit-12 ta' Gunju 1998.

Rat ukoll illi l-attur nonostante li anke gie ordnat mill-Qorti biex ihallas lill-Perit Tekniku d-drittijiet tieghu baqa' ma hallasx dawn id-drittijiet u ghalhekk il-Perit gie prekluz milli jikkonferma r-rapport tieghu bil-gurament.

Billi fis-seduta tal-lum l-attur ma deherx u l-konvenut assistit mid-difensur tieghu talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; u billi kkonstatat li sal-lum stess l-istess attur baqa' ma hallasx drittijiet lill-Perit Tekniku tilqa' t-talba tal-konvenut u qieghda tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju a tenur tal-Artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 71/01**

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited**

**Vs**

**Joseph Attard**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u erba' lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm304.46) ghal import merkanzija ta' ikel lilu mibjugha ghal The Trees Restaurant u debitament konsenjata, kif jidher mill-`invoice' hawn anness u mmarkat Dokument A.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-16 ta' Jannar 2001, u l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra tieghu li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u erbgha liri Maltin u sitta u

erbghin centezmu (Lm304.46c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mill-31 ta' Jannar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 83/01**

**John's Garage Ltd**

**Vs**

**Seafly Ferries Ltd**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u sebgha u disghin liri Maltin u sebghin centezmi (Lm497.70c) ta' servizz ta' kiri ta' karozzi.

Bl-imghaxijiet kummercjali u bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni, inkluzi bl-ispejjez ukoll l-ammont ta' hames liri Maltin (Lm5) ta' ittra interpellatorja.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la dehru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu rapprezentant taghhom biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija sebgha u disghin liri Malti u sebghin centezmu (Lm497.70c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mis-6 ta' Frar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 663/00**

**Maltacom p.l.c**

**Vs**

**Mario u Rita konjugi Sciberras**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' hames mija wiehed u sittin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm561.21) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 658342 (skond kif jirrizulta mill-annes `statement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 47, Triq San Mikiel, Birzebbuga u dana skond ma kif jidher mill-anness `service agreement' Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 2000 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument esebiti;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn ecceppew:

1. Illi mhuwiex minnu illi l-ecipjenti ghandhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija wiehed u sittin liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm561.21) in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 658342.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat illi fis-seduta tal-lum il-konvenuti pprezentaw ricevuta ghas-somma mitluba fl-avviz izda ddikjaraw illi huma m'ghamlu ebda pagament fil-mori tal-kawza u kif ukoll talbu li jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 1942/97**

**Korporazzjoni Telemalta (Sezzjoni Arretrati) u b'digriet tas-26 ta' Marzu 1998, Maltacom p.l.c assumiet l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Mario Darmanin u b'digriet tat-30 ta' April 1999 gie kjamat in kawza Mario Abela**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Korporazzjoni attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disgha mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm930.40) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 577326 (skond kif jirrizulta mill-anness `statement' Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 27, St. Dominic Street, Zabbar u dana skond ma kif jidher mill-anness `service agreement' Dok B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Novembru 1996 u tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Mario Darmanin fejn

eccepixxa:

1. Illi preliminarjament, hija pendenti quddiem din il-Qorti istanza ohra (Avviz Numru 1426/97 DM) li giet istitwita kontra l-eccipjent ghar-rigward ta' l-istess pretensjoni li tinsab dedotta kontrih skond l-avviz odjern.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, kwalsiasi ammont li talvolta jista' jkun dovut lis-socjeta' attrici hu pagabbli minn Mario Abela, mhux mill-eccipjent.

3. Bir-riserva espressa ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi l-kjamat fil-kawza Mario Abela debitament notifikata la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata fil-konfront biss tal-kjamat fil-kawza Mario Abela u wara li rat ukoll in-nota ta' cessjoni prezentata llum stess fil-konfront tal-konvenut Mario Darmanin. Qieghda tikkundanna lil kjamat fil-kawza Mario Abela biex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' disa' mija u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm930.40c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 t'April 2001.

Bl-ispejjez kontra l-kjamat fil-kawza.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 1691/00**

**Allcare Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rappresentanza ta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Sharon Anne Chetcuti sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Alan Camilleri**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' tliet mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm373.28c) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti minnha fl-incident awtomobilistiku tat-2 ta' Dicembru 1999 f'Marsa Industrial Estate, Marsa bejn il-vettura numru BBJ 294 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru DAA 968 misjuqa minn u proprjeta' tal-assikurata Chetcuti, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Bl-imghax u bl-ispejjez

inkluzi tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici. Ghaldaqstant wara li rat li l-konvenut lanqas ma deher biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni, it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa' t-talba attrici u tiddikjara illi l-incident in kwistjoni sehh unikament b'tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu. Tillikwida d-danni fis-somma ta' tlett mija tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmi (Lm373.28c) u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' tlett mija tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm373.28c).

Bl-imghax legali b'effett mill-21 ta' Dicembru 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 1407/00**

**Penguin Holdings Ltd**

**Vs**

**Short Circuit Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erba' mija u sebgha u erbghin liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm447.69) rapprezentanti kontijiet tal-ilma u dawl ghall-perjodu mis-sena 1995 sa Gunju 1998 kif jidher mill-kontijiet relattivi hawn annessi bhala dokumenti A u B, ghal fond Fabjoe General Store, Triq l-Uqija, tal-Ibragg, Sant Andrew, meta dan il-fond kien mikri lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici, proprjetarja tal-istess fond, ghal liema kontijiet il-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma qed izzomm responsabbli u tesigi l-hlas taghhom minghand is-socjeta' attrici. Bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li r-rappresentanti guridici taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti pprezentaw nota ta' ammissjoni fir-Registru fit-18 ta' April 2001. Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' mija sebgha u erbghin lira

Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm447.69) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Frar 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
De/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 79/01**

**Charles Zammit Tabona**

**Vs**

**Helen sive Eileen Borg in rapprezentanza ta' Nostrum Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuta biex tizgombra mill-garage numru tlieta u ghoxrin (23) Triq Locker, Sliema, fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat, kif ukoll li tigi kkundannata li thallas sitt mitt lira Maltin (Lm600) hlas tal-kera skadut mill-25 ta' Gunju 1999 sal-24 ta' Ottubru 2000 tal-istess fond, bl-imghax legali min-notifika ta' dan l-avviz;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru 2000, kontra l-konvenuta li ghandha tidher ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizju tal-fond huwa ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) fis-sena.

Rat illi l-konvenuta fil-kwalita' premessa debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghed tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenuta in rapprezentanza tal-kumpanija Nostrum Limited sabiex tizgombra mill-garage numru 23, Triq Locker, Sliema u ghall-fini ta' dan l-izgumbrament il-Qorti qieghda tipprefiggi terminu ta' xahar mil-lum.

Inoltre tikkundanna lill-istess konvenuta biex thallas is-somma ta' sitt mitt lira Maltin (Lm600) mitluba ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-28 ta' Marzu 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia                                                                      Magistrat
Dep/Reg

**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 27 ta' April 2001.**

**Avviz Nru: 111/01**

**Webcraft Limited**

**Vs**

**Mayfair Company Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta attrici talbet il-kundanna tas-socjeta'konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u tlieta u ghoxrin lira u tmienja u tmenin centezmu (Lm623.88c) rapprezentanti l-prezz ta' servizzi lilhom rezi fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-22 ta' Jannar 2001 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment, u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta' konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-atturi permezz ta' liema huma rrinunzjaw ghas-sorte izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez stante pagament fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet ukoll bil-gurament lill-Aldo Calleja issib illi t-talba attrici ghall-ispejjez hija gustifikata u timmerita konferma. U ghaldaqstant qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg